# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Tonio Micallef**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Tonio Micallef**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 549274M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar il- 15 ta' Frar 2016 g]all-]abta ta' bejn 20:30 u 21;00 waqt li kien fir-residenza tiegħu "Marvin", Triq il-Pelolkani, Tarxien, :

(a) Inġurja jew hedded mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk provokat inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Carmel Debono u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) bl-imġieba tiegħu ġab ruħu b'tali mod li kien ta' fastidju lil Carmel Debono meta kien jaf jew messu jkun jaf li dan kien ta fastidju għall-imsemmija persuna u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet il-provi prodotti;

***Ikkunsidrat :***

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-ewwel imputazzjoni hija milquta mill-preskrizzjoni trimestrali u għalhekk l-imputat ma jistax jiġi misjub ħati tagħha.

Illi inoltre, f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tindika referenza ċara għal perjodu ta' żmien li fih seta' jiġi mwettaq il-*course of conduct* meħtieġ li jiġi pruvat f'din it-tipoloġija ta' reati u li jeħtieġ li jkun pruvat li seħħ f'aktar minn okkażjoni waħda u li jkun konsistenti minn inċidenti separati u mhux minn inċident waħdieni. Dan iwassal sabiex din il-Qorti ma tkunx tista' tqis li l-imputazzjoni hija legalment sostenibbli fil-konfront tal-imputat.

# ***DEĊIDE***

Li wara li inter alia rat l-Artikoli 339(1)(d) u 251A tal-Kodiċi Kriminali qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum l-14 ta' Ġunju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***